MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 1501/2001/1

**Maltacom Plc**

**Vs**

**Anthony Azzopardi**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ Lm775.01c (seba’ mija u hamsa u sebghin lira Maltin u centezmu) bilanc dovut lis-socjeta’ attrici in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 240646 skond ma jirrizulta mid-dokument anness ma’ l-Avviz u mmarkat Dok. A u liema servizz gie nstallat fil-fond li jgib l-isem ‘Star Light Re’, Flat 2, Triq ir-Ramel, San Pawl il-Bahar u dana skond ma jidher mis-‘service agreement’ anness ma’ l-Avviz u mmarkat Dok. B.

Illi l-konvenut gie nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas izda baqa' nadempjenti u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficcjali ta' Frar, 1998, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-ittra ufficcjali.

Ra li l-konvenut baqa' kontumaci ;

Sema' li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-Ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------